MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 338/2007/1

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**vs**

**Euro Chemie Products Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Jannar, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-sebgha (7) ta' Novembru 2007 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' elf sebgha mija, erbgha u sittin liri Maltin u sebghin centesmu (LM1,764.70) rapprezentanti kontribuzzjonijiet ghas-snin 2002, 2003, 2004,

2005, 2006 u 2007 (ara l-prospett anness u mmarkat “Dok A”), oltre l-imghaxijiet mid-dati ta’ meta l-kontribuzzjonijet gew dovuti, u cioe mill-wiehed u tletin (31) ta’ Marzu 2002, mill- wiehed u tletin (31) ta’ Marzu 2003, mill- wiehed u tletin (31) ta’ Marzu 2004, mill- wiehed u tletin (31) ta’ Marzu 2005, mill- wiehed u tletin (31) ta’ Marzu 2006, u mill- wiehed u tletin (31) ta’ Marzu 2007, rispettivamet sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mill-ligi, u dan in forza tal-Istatut tal-Assocjazzjoni attrici (anness u mmarkat Dok B).

Nonostante li giet interpellata thallas diversi drabi, inkluz b’ittra bonarja datata hamsa (5) t’April 2007 annessa u mmarkata bhala Dok. C, is-socjeta konvenuta hija ngunta ‘n subizzjoni.

Rat illi is-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni nhar it-tmienja (8) t’Ottubru 2008 skond kopja tal-gazetta lokali *The Independent* esebita fl-atti a fol. 25, u fil-Gazzetta tal-Gvern datata tnax (12) ta’ Settembru 2008 skond kopja esebita fl-atti a fol. 20, oltre li giet notifikata bl-affissjoni fl-indirizz imsemmi fl-avviz u cioe 209, ‘Mabrouka’, Old Bakery Street, Valletta, nhar il-hamsa (5) ta’ Settembru 2008 u kopja ta’ l-avviz gie wkoll moghti l-Ghassa tal-Pulizija, Valletta u lill-Kunsill Lokali, Valletta fl-istess jum tal-hamsa (5) ta’ Settembru 2008 fol. 21 tergo.

Rat illi fis-seduta tad-dsatax (19) ta’ Jannar 2009 is-socjeta konvenuta giet imsejha diversi drabi, izda baqghet ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis- socjeta attrici, ssib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' erbat elef mija u disgha euro (€4109) ekwivalenti ghal elf sebgha mija, erbgha u sittin liri Maltin u sebghin centesmu (LM1,764.70) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta."

L-aggravji sottoposti mis-socjeta` konvenuta bl-appell taghha minn din is-sentenza huma f'din l-ordni:-

1. La ma dehretx l-assocjazzjoni attrici wara li pprezentat il-kapitoli ma kienx hemm lok li dawn jigu meqjusa bhala ammessi imma, invece, l-ewwel Qorti kellha tapplika d-dispost ta' l-Artikolu 199 (1) tal-Kapitolu 12;

2. It-talbiet attrici huma kolpiti bil-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156 (d) u (f) tal-Kodici Civili;

3. Gjaladarba l-amministratur ta' l-assocjazzjoni attrici mhux maghruf, din ma setghatx tharrek;

4. Una volta ma ghadiex topera hi m'ghandha taghti xejn lill-assocjazzjoni attrici u dan ghaliex hi mhix tuzufruwixxi mis-servizzi taghha u kwalunkwe hlas ikun jammonta ghall-arrikkiment indebitu;

Huwa opportun illi qabel xejn il-Qorti tippremetti certi principji importanti in materja ta' kapitoli, kif dawn jinzlu mil-ligi procedurali u mill-gurisprudenza:-

1. *In primis,* u fundamentalment ukoll, il-presenza fisika tal-parti kapitolata fil-proceduri biex twiegeb ghall-interrogatorju li jsirilha. Dan skond ma jinzel mill-Artikoli 698 (2) u 702 (3) tal-Kodici ta' Procedura. Hu difatti ritenut illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser li bin-nuqqas tal-konvenut li jidher biex

jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijiet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut" ("**Anthony Borg -vs- Samuel Veneziani**", Appell Inferjuri, 28 ta' April, 1998). Hu minn dan dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali ta' fatt sfavorevoli ghall-kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Ara "**Stephen Vella -vs- Bollicine Ltd *et***", Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008;

(2) Ir-"<u>raguni tajba</u>" li jippreciza l-Artikolu 702 (3) tal-Kapitolu 12 biex il-parti kapitolata ma tidherx quddiem il-Qorti biex twiegeb ghall-kapitoli kontra taghha hi, skond gurisprudenza assodanti, maghmula tikkonsisti f'impediment legittimu li minhabba fih il-parti ma setghetx tidher biex tirrispondi ghall-kapitoli. Ara "**Espedito Zammit -vs- Carmelo Saliba**", Appell Inferjuri, 22 ta' Jannar, 1945. Impediment dan li biex jitqies legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta tieghu. Ara "**Vittorio Cassar -vs- Carmelo Vassallo**", Appell Inferjuri, 29 ta' Mejju 1937. Diversament, fil-kaz ta' negligenza jew traskuragni, l-istat kontumacjali tal-parti kapitolata mhux skuzabbli. Ara "**Teresa Vassallo -vs- Giovanni Zerafa**", Appell Inferjuri, 7 ta' Novembru, 1951;

(3) Eskluza l-kawza gusta, gjaladarba l-kapitolu hu fatt processwali, "*la parte, che chiamata regolarmente per subire, senza giusta causa, non comparisce per la subizione, non puo` negare i fatti dedotti nei capitoli, i quali per legge hanno per confessati, ne puo` con una tardiva comparizione indirettamente distruggere gli effetti della sua ammissione, o paralizzare il diritto acquistato dall'attore*" ("**Tanti *nomine* -vs- Gauci *et***", Qorti tal-Kummerc, 19 ta' Marzu, 1898);

Dan kollu hawn s'issa rikapitolat gie mill-Qorti ri-affermat merament bi twegiba ghall-ewwel ilment u biex jigi sottolinejat illi, aktar mill-presenza tar-rapprezentant ta' l-Assocjazzjoni attrici, kienet bil-wisq aktar ferm impellenti l-attendenza fil-procediment tar-rapprezentant tas-socjeta`

konvenuta biex jaghti twegiba ghall-interrogatorju formali kostitwit bil-kapitolu. Okkazzjoni din li ma gietx uzufruwita minnu, bil-konsegwenza li l-Qorti adita akkordat valur indizzjarju ta' ammissjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tal-fatt dedott bit-talba attrici;

Issa bl-appell tas-socjeta` appellanti din il-Qorti hi msejha biex tezamina mhux biss il-konsegwenza processwali ta' dik il-qaghda kif tinzel mill-konfessjoni gudizzjali b'effett tal-kapitoli, izda wkoll biex tezamina u tistharreg lanjanzi li l-istess socjeta` appellanti qatt ma ssollevat quddiem l-ewwel Qorti;

Jinsab deciz fis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. John Buttigieg LL.D. -vs- Michael Marletta**", Appell Inferjuri, 11 ta' Novembru 1986 illi "l-materja tas-subizzjoni hija materja delikata u deciziva peress li biha jekk il-parti tonqos li tidher, il-kapitoli jittiehdu bhala konfessati u l-konvenut ikun anke impedut li jaghmel appell ammenokke ma jiggustifikax il-kontumacja tieghu." Mhux hekk biss pero`. Is-sentenza "**Borg -vs- Veneziani**" gja citata, tkompli tinkalza illi "l-appellanti qieghed fis-sitwazzjoni infelici fejn irid mhux biss jiggustifika l-kontumacja tieghu, imma wkoll li jirribatti l-prova permezz tal-kapitolu li hu kien imsejjah biex jirrispondi";

Fil-kaz prezenti huwa sew apparenti illi s-socjeta` appellanti ma rnexxielhiex teghleb l-iskoll tas-sitwazzjoni kontumacjali taghha. Dan qed jinghad ghaliex sew mill-korp ta' l-appell kif ukoll mid-dibattitu orali din is-socjeta` minn imkien ma ttantat tiggustifika dik il-kontumacja taghha kostitwita bin-nuqqas ta' komparizzjoni taghha fl-ewwel istanza. Dan kemm fl-atti nfushom, kif ukoll fl-udjenza. La dan huwa hekk ma tistax tippretendi li tigi restitwita in integrum fil-proceduri. Ara "**Margaret Camilleri -vs- Pubblio Stellini *nomine***", Appell Inferjuri, 6 ta' Frar, 1957. Li jfisser, b'konsegwenza, illi l-aggravji taghha lanqas jistghu jigu mistharrga u decizi, ukoll dik tal-

preskrizzjoni. Ara "**Bank of Valletta plc -vs- Mantoray Limited *et***", Appell Superjuri, 18 ta' Settembru, 2009;

Il-konkluzjoni li tiddixxendi minn dan konsiderat hu li l-appell tas-socjeta` appellanti ma jistax jitqies ammissibbli.

Ghal motivi kollha predetti l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------